**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Nru : 530/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Marzu 1992, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha kif jidher fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **dokument A** u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, tnejn minnhom maggorenni u z-zghir G li llum ghandu 16 –il sena.

Illi l-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ippublikat minn Nutar Sean Critien fil-5 t' April 2013 kif emendat mill-istess Nutar b'kuntratt korrettorju ppublikat fil-21 t' Ottubru 2015 kif dejjem gie mhallas puntwalment mir-rikorrenti lill-intimata kif ghadu u ser jibqa' sakemm dan il-manteniment huwa dovut skond il-ligi

liema kuntratti qed jigu hawn anness u mmarkati bhala **Dokument B** u **C** rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom sseparati de facto sa minn Marzu tas-sena 2011 u ghalhekk ghaddew izjed minn erba' snin li huwa l-perjodu msemmi mill-Ligi li persuna mizzewga tista' titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-hall taz-zwieg taghha.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ffurma rabta ma familja ohra b'mod permanenti.

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skond l-affidavits maghmulha mill-kontendenti liema affidavits qed jigu wkoll ezebiti ma dan ir-rikors bhal **Dokument D** u **Dokument E**.

Talbu prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Dicembru, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat ir-rikors tal-partijiet tal-24 ta' Jannar 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati minn Marzu tas-sena 2011 u legalment separati mill-5 ta’ April 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.